# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 6 ta' Dicembru 2017**

Rikors Guramentat Nru.  111 / 17RGM

Kawza fil-lista:  17

**S R f'isimha u f'isem il-minuri Z Y Z, L Y Z P u C Y Z P**
**vs**
**Y Z D P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici u r-risposta guramentata tal-konvenut.

Rat l-atti inkluz ir-riferta relativa.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017 fejn gie registrat is-segwenti verbal:-

"***Dr. Norma Vella Bardun ghall-attrici tirrileva illi r-risposta guramentata tal-konvenut hi tardiva u ghalhekk titlob l-isfilz taghha.***

***Dr. Caruana ghall-konvenut jissottometti illi ghalkemm mill-atti jidher li r-risposta guramentata giet pprezentata l-ghada li jaghlaq it-terminu, mill-istess risposta jirrizulta li r-risposta guramentata giet konfermata bil-gurament mill-konvenut fil-jum tad-19 ta' Gunju 2017 u dan peress illi rizultat ta' malintiz il-konvenut gie fir-registru ftit hin wara li ghalaq ir-registru f'12.00 p.m.***"

Rat illi waqt l-istess seduta tas-27 ta' Gunju 2017 il-kawza giet differita ghall-provi dwar il-kontumacja o meno tal-konvenut;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Ludvic Caruana u tad-Deputat Registratur Therese Sammut fl-udjenza ta' l-24 ta' Ottubru 2017 u t-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar jekk il-konvenut ghandux jitqies li huwa kontumaci u dwar it-talba ta' l-attrici ghall-isfilz tar-risposta guramentata pprezentata mill-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kwistjoni tal-kontumacja o meno tal-konvenut u dwar it-talba ta' l-attrici ghall-isfilz tar-risposta guramentata;

Ikkunsidrat;

L-attrici fethet din il-kawza kontra l-konvenut b'rikors guramentat ipprezentat fil-11 ta' Mejju 2017. B'digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2017, il-Qorti ordnat illi l-kawza titqieghed fuq il-lista tas-27 ta' Gunju 2017 sabiex tinstema'. Wara li nhareg l-avviz ta' l-appuntament tal-kawza, il-konvenut gie notifikat bir-rikors guramentat ta' l-attrici kif ukoll bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza ghal nhar is-27 ta' Gunju 2017. Skond ir-riferta stampata a tergo ta' fol. 13 tal-process, jirrizulta illi l-konvenut gie notifikat personalment b'dawn l-atti fir-residenza tieghu fit-30 ta' Mejju 2017. Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-validita` tan-notifika u ghalhekk jitqies li jaccetta li huwa gie validament notifikat.

In tema legali, **l-Artikolu 158** tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-parti li hija relevanti ghal dan il-kaz, jiddisponi dan li gej:-

***158.*** *(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
…
*10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet kif ukoll skont ma jirrizulta mill-avviz stampat fuq ir-rikors guramentat ta' l-attrici a tenur ta' l-Artikolu 156(2) tal-Kap. 12, il-konvenut kellu ghoxrin gurnata minn meta gie notifikat bl-istess rikors guramentat, sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu fir-registru ta' din il-

Qorti, <u>liema terminu f'dan il-kaz ghalaq fid-19 ta' Gunju 2017, li kien il-jum tat-Tnejn</u>.

Illi jirrizulta mill-atti li r-risposta guramenta tal-konvenut giet ipprezentata minnu personalment fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Gunju 2017[1] cioe` <u>l-ghada</u> ta' l-gheluq tat-terminu statutorju, izda jirrizulta wkoll li <u>fid-19 ta' Gunju 2017</u> il-konvenut kien diga' deher personalment quddiem id-Deputat Registratur Therese Sammut sabiex jikkonferma l-istess risposta guramentata bil-gurament tieghu. Dan kollu gie ulterjorment konfermat mix-xhieda ta' Dr. Ludvic Caruana kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess Deputat Registratur.

Illi fl-ewwel seduta f'din il-kawza fis-27 ta' Gunju 2017, il-konvenut deher personalment assistit ukoll mill-avukat tieghu, u hawnhekk giet sollevata l-kwistjoni tal-kontumacja tieghu f'din il-kawza.

Illi biex il-Qorti tista' tasal biex tippronunzja ruhha dwar il-kontumacja o meno tal-konvenut fic-cirkostanzi, ikun opportun illi ssir referenza ghar-*raison d'etre* kif ukoll l-effetti ta' l-istitut tal-kontumacja.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-akkuza u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dizubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi tqis li fih element ta' dizordni socjali u thares lejh bhala agir li jisthoqqlu li jigi punit bis-sanzjoni li l-kontumaci ma jkunx jista' jippartecipa fil-gbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur[2]. Ghalhekk, il-kontumacja hija generalment meqjusa bhala <u>mizura ta' natura punittiva</u> li hija mehtiega sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet ***Samchrome FZE vs Danko Koncar et***[3]**,** ghamlet referenza ghall-kawza ***Kenneth Abela v. Aplan Limited et***[4] fejn gie rapportat:-

"*Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares* **ad unguem***, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("***Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-***

[1] Fol. 17 *et seq*.
[2] ***Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited*** **–** Prim'Awla 284/2014, deciza 23 Lulju 2014
[3] Rikors 843/14.
[4] Appell Civili [Inferjuri] deciza fis-6 ta' Frar 2008.

***Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);*** *Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("****Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007);***

Fid-dawl ta' din ir-rigorozita` fl-applikazzjoni tat-termini procedurali stipulati mil-Ligi u, fil-kaz tal-kontumacja, l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jgib mieghu in-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158(1) ghall-prezentata tar-risposta guramentata, gie wkoll pacifikament accettat li l-istitut tal-kontumacja ghandu jigi applikat u mfissra b'mod ristrettiv[5] fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' nuqqas min-naha tal-konvenut li jista' jammonta ghal htija, ma ghandu jkun hemm ebda diffikulta` li l-kontumaċja titqies bhala gustifikata.

Fl-istess hin pero`, anke jekk il-Ligi, biex ittaffi ftit mill-konsegwenzi horox taghha, tipprovdi ghall-prospett ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja permezz tas-subinciz (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kap. 12, fuq citat, gie ritenut li l-prezenza tal-konvenut fil-proceduri, wahedha u bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja, ma jfissirx li hija bizzejjed sabiex il-konvenut jinghata l-opportunita` jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu. Altrimenti:-

*"... l-istitut tal-kontumacja jigi dilwit sal-punt li jigi rez kompletament bla effikacja u inoperattiv kull fejn il-konvenut jaghzel li jidher fl-ewwel seduta……… Din l-interpretazzjoni hi wahda li tmur kontra mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, imma ukoll kontra kull sens ta' gustizzja procedurali kif espressa fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili….."*[6]

Illi huwa wkoll assodat fil-gurisprudenza illi trid issir distinzjoni ghall-finjiet tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, bejn il-konvenut li juri disinteress assolut (dak li jissejjah kontumacja bi htija), u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawza izda ma lahaqx ghamel dan ghal raguni li ma kienx jahti ghaliha[7]. Gew diversi drabi ribaditi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex kopluza jew le[8], izda din il-Qorti tqis li l-iktar kunsiderazzjonijiet relevanti in materja saru fil-

---

[5] ***Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et -*** Appell Civili, deciz 17 ta' Marzu 1997, citata f'***Maria R vs. Agostino R***, Prim'Awla 1314/2000, deciza 11 ta' Marzu 2003.
[6] ***Joseph Aquilina et vs Lino Debono -*** Appell Civili, deciz fis-7 ta' Ottubru 1997.
[7] Prim'Awla: ***Gloria Beacom vs Perit Anthony Spiteri Staines***, deciza 9 ta' Dicembru 1993
[8] ***Dr. Aaron Attard Cavallazzi noe vs Asfaltar Limited –*** *supra.*

gurisprudenza l-iktar recenti tal-Qorti. In propositu, issir referenza ghar-rassenja studjata u approfondita ta' l-istitut tal-kontumacja u ta' l-izviluppi procedurali u gurisprudenzjali matul iz-zminijiet, li saret fis-sentenza ***Renato Aquilina et vs Christopher James Arthur Townsend et***[9] b'mod partikolari fir-rigward tad-distinzjoni bejn il-kontumacja kolpuza u dik gustifikabbli:-

"*Illum il-kontumaċi huwa ppenalizzat billi ma jitħalliex jikkontradixxi l-fatti mressqin mill-attur u lanqas jitħalla jressaq il-provi tiegħu. Id-difiża tiegħu hija għalhekk imdgħajjfa sew.*

*Illi tqum il-mistoqsija kemm dan huwa ġust meta l-konvenut ma jkollu l-ebda intenzjoni li jkun tabilħaqq kontumaċi, fis-sens li jiġi jaqa' u jqum minn x'tista' tiddeċiedi l-Qorti, imma ma jagħmilx dak li jkun mistenni minnu minħabba xi mpediment li ma jkollux kontroll fuqu inkella jkun aljenat, inkwetat minħabba xi problemi personali, jew ikollu avukat ittraskurat.*

*Huwa skontat li min-naħa l-waħda impediment estraneu u barra mill-kontroll tiegħu żgur li ma jammontax għall-kontumaċja; u min-naħa l-oħra mhix skużanti n-negliġenza grassa tiegħu. Imma mbagħad hemm każijiet ta' bejn dawn iż-żewġ estremi li jħallu lill-ġudikant f'konfondiment u perplessità dwar jekk il-konvenut ikunx ħaqqu jitħalla jiddefendi ruħu jew le.*

*F'każijiet bħal dawn, fejn il-konvenut għalkemm ma jkollu l-ebda intenzjoni li ma jiddefendix ruħu, u l-ebda intenzjoni li jinjora lill-Qorti, xorta waħda għal xi raġuni jew oħra li titqanqal fiċ-ċirkostanzi varjati tal-ħajja, ma jidhirx fl-udjenza inkella ma jippreżentax ir-risposta tiegħu fit-terminu mogħti mil-liġi, l-imħallfin tagħna matul iż-żmien iddeċidew daqqa favur il-konvenut u daqqa kontra skont id-disposizzjoni tagħhom, kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, f'każijiet bħal dawn, għandha tingħata ċerta indulġenza lill-konvenut. Il-ġudikant qiegħed hemm biex jagħmel il-ħaqq. Il-proċess ċivili huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-kontradittorju, li l-iskop pubbliku tiegħu huwa li tingħata deċiżjoni ġusta għall-kontroversji; għan li jintlaħaq ħafna aħjar jekk iż-żewġ partijiet avversarji jipparteċipaw bis-sħiħ. In-nuqqas ta' parti f'kawża ossija l-kontumaċja jista' jkollha konsegwenzi serji u għalhekk trid tiġi evitata kemm jista' jkun.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara iżda li l-indulġenza li għandha turi ma tistax, u m'għandhiex, tkun mingħajr limitu. U l-limitu għandu jkun il-kunsiderazzjoni l-oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, li l-kawżi m'għandhomx jitħallew jitwalu mingħajr bżonn jew b'kapriċċ tal-litigant jew tal-istess Qorti, għax dewmien bħal dan ukoll isarraf f'inġustizzja mal-kontroparti, normalment l-attur, li*

[9] Rikors 696/16/LM, deciza 11 ta' Jannar 2016.

*m'għandhiex tiġi ppreġudikata, kif ukoll mal-Istat u s-soċjetà in ġenerali li jsofru preġudizzju kbir ta' natura soċjo-ekonomika: Interest rei publicae ut sit finis litium."* [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz tallum, xehed quddiem il-Qorti id-difensur tal-konvenut li kkonferma illi l-konvenut kien mar mill-ewwel ghandu bl-atti lilu notifikati, u li kien l-istess avukat li tah appuntament biex imur il-qorti fid-19 ta' Gunju 2017 ghall-habta ta' nofsinhar sabiex jipprezenta r-risposta guramenta. Skond Dr Ludvic Caruana, dan sar sabiex huwa jkollu bizzejjed zmien ihejji r-risposta guramentata "bil-kwiet" u ma rrejalizzax illi d-19 ta' Gunju 2017 kienet appuntu l-gurnata li jiskadi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata tal-konvenut. Xehed ukoll li minhabba li fiz-zmien meta l-konvenut mar ikellmu dwar il-kawza, ir-registru tal-Qorti kien ghadu bil-hinijiet tal-ftuh tax-xitwa, cioe` kien jaghlaq fit-3.00 p.m., sfuggielu l-fatt illi fid-data ta' l-appuntament li ta lill-konvenut (19 ta' Gunju), il-hinijiet tal-ftuh tar-registru kienu ser ikunu ghadhom kif bidlu ghall-hinijiet tas-sajf u li r-registru jaghlaq f'nofsinhar.

Illi mit-testimonjanza ta' Dr Caruana jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-konvenut kien lahaq wasal ir-registru qabel nofsinhar u cempillu biex javzah, huwa wasal ir-registru biex jitlaqa' mal-konvenut ftit wara nofsinhar meta r-registru kien diga` ghalaq ghall-prezentata ta' l-atti. Kien ghalhekk, kompla jixhed Dr. Caruana, li l-konvenut halef ir-risposta guramentata dak il-hin quddiem id-Deputat Registratur, u rega' mar personalment l-ghada fir-Registru biex jipprezenta l-att, kif ikkonfermat ukoll mix-xhieda tad-Deputat Registratur Therese Sammut.

Ikkunsidrat;

Illi din il-verzjoni tal-fatti kif sehhew fid-19 u 20 ta' Gunju 2017 tikkuntrasta xi ftit mal-verbal registrat mid-difensur tal-konvenut waqt l-udjenza tas-27 ta' Gunju 2017, fejn attribwixxa n-nuqqas tal-prezentata ghall-fatt illi kien il-konvenut innifsu li wasal tard fir-registru.

Illi mhux kontestat illi meta gie notifikat bir-rikors guramentat ta' l-attrici, il-konvenut osserva t-twissija stampata fuq l-istess rikors guramentat billi mar ghand avukat biex jehodlu hsieb il-kawza u jirraprezentah fl-udjenza, tant illi r-risposta guramentata giet imhejjija tempestivament biex tigi pprezentata qabel jaghlaq it-terminu koncess mil-ligi. Jirrizulta inkontestat ukoll illi l-konvenut kien prezenti fir-Registru tal-Qorti fid-19 ta' Gunju 2017 ossia d-data ta' l-appuntament li tah id-difensur tieghu appuntu biex jahlef il-kontenut tar-risposta tieghu u jipprezentaha. Il-presenza tal-konvenut fir-registru ghal dan il-fini jidher *ictu*

*oculi* mit-timbru tal-gurament stampat fuq l-istess risposta guramentata[10] u jinsab konfermat ulterjorment mix-xhieda ta' Therese Sammut.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumacja illi l-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandha tkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola in kwantu t-termini ghall-prezentata ta' atti gudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qeghdin hemm biex joholqu sistema procedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull process gudizzjarju. Ghalhekk, fil-materja ta' kontumacja l-intimat irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Illi taqbel li kawza attribwibbli ghall-volonta` jew *culpa* tieghu mhijiex 'kawza gusta'[11].

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li hekk kif ritenut fil-gurisprudenza nostrana, "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz, il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*"[12].

Filwaqt li huwa prezunt li l-konvenut kien jaf li t-terminu ghall-prezentata tar-risposta tieghu f'din il-kawza kien jiskadi fid-19 ta' Gunju 2017, minhabba li dan jirrizulta car mit-twissija stampata fuq ir-rikors guramentat lilu notifikat, il-Qorti ma tqisx illi l-hinijiet tal-ftuh tar-Registru tal-Qorti kienu fatt li kellu jkun jaf *de proprio* l-konvenut galadarba kien l-avukat tieghu stess li tah l-appuntament tal-hin biex jipprezenta r-risposta tieghu tenut kont ukoll tal-fatt li dan kollu gara fin-nofs tax-xahar ta' Gunju meta l-hinijiet tar-registru kienu ghadhom kif inbidlu.

Illi jidher ukoll sufficjentement ippruvat illi l-konvenut zamm l-appuntament tieghu fid-19 ta' Gunju 2017 u, mill-assjem tac-cirkostanzi li jirrizultaw mill-atti tal-kawza, il-Qorti hija konvinta li tista' tqis li l-prezentata tardiva tar-risposta guramentata hija attribwibbli lil nuqqas da parti ta' l-avukat tal-konvenut anziche` lill-konvenut innifsu. Infatti, jirrizulta manifest illi l-konvenut rega' mar personalment fir-registru tal-Qorti tal-Familja l-ghada l-20 ta' Gunju 2017 biex jipprezenta r-risposta guramentata personalment fir-registru tal-Qorti u deher ukoll fis-seduta ta' l-ewwel smigh tal-kawza.

Ghalhekk, fid-dawl tal-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, ma jirrizultax li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kien hemm negligenza jew *culpa* jew nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti, da parti tal-konvenut ghaliex huwa qaghad fuq il-

---

[10] A fol. 18

[11] ***Victoria Tabone et vs Daniel Orsini*** – Prim'Awla; deciza 4 ta' Lulju 2017

[12] ***Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia***, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996

parir moghti lilu mill-istess avukat tieghu. Infatti, l-appuntament ghall-prezentata tar-risposta nghata lill-konvenut mid-difensur tieghu u l-fatt li l-avukat ghamel zball fil-hinijiet tal-ftuh tar-registru ma ghandux ibati ghalih il-konvenut. Il-klijent jigi ggwidat mill-avukat rigwardanti l-procedura u materji konnessi mal-prezentata ta' atti gudizzjarji.

Jinsab deciz hekk in propositu:-

*"F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq tat-Tweġiba Maħlufa jitħalla jgħaddi għal xejn."*[13]

F'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-Qorti hija sodisfatta li ma kienx hemm traskuragni da parti tal-konvenut li wassal ghall-kontumacja tieghu ghaliex din kienet rizultat ta' zball mhux ta' l-istess konvenut u ghalhekk ma ghandux jigi penalizzat.[14]

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu kif trid il-ligi u ser tilqa' t-talba tieghu ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja

**Decide**

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li qed tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu, tichad it-talba ta' l-attrici ghall-isfilz tar-risposta guramentata tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jithallsu mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

---

[13] ***Market Handle Limited vs Farenheit Freight Forwarders Limited et***, deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 2012.

[14] Ara wkoll in propositu ***Dr. Christopher Muscat vs Raymond Bugeja noe***. Prim'Awla, deciza fis-16 ta' Marzu 1999, u ***Waldonet Ltd. vs David Thake*** Prim'Awla, deciza fit-3 ta' April 2003, u ***Golden Gate Limited vs Meliton Group Ltd***. Prim'Awla, deciza fis-6 ta' Mejju 1999.